# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

MALTA

HU DMIR TA' KULL MALTI
LI JAGĦRAF IL-LSIEN MALTI

**It-Tielet Sena** **Frar 1934** **No. 36**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**FRAR 1934]** **IT-TIELET SENA** **[Nru 36**

## IL-W FIL-KITBA TAL-MALTI

Mhux kullħadd togħġbu l-*w* fil-kitba tal-Malti. Xi wħud iridu jneħħuha għal kollox u flokha jiktbu dejjem *u*. Ma' dil-fehma ma jista' jkun qatt li naqblu; il-*w* u l-*u* bħalma huma magħżulin fil-ħoss, għandhom ikunu magħżulin ukoll fil-kitba, jiġifieri, tinkiteb *w* meta hi konsonanti u tinkiteb *u* meta hi vokali.

Infissru aħjar x'irridu ngħidu. Kif joħroġ mill-fomm il-ħoss ta' konsonanti u l-ħoss ta' vokali? Il-ħoss ta' konsonanti joħroġ bit-taħrik tal-lsien, bil-għeluq tal-gerżuma u bil-ftuħ, bit-tbexxiq, bil-għeluq tax-xuftejn. Agħlaq xoftejk ma' xulxin u iftaħhom, u inti tagħmel il-ħoss ta' *b* jew *ba*. Agħlaqhom u rosshom u erġa' iftaħhom, u l-ħoss isir *p* jew *pa*. Issa jekk nagħalqu xoftejna, niġbduhom ftit jew wisq il-ġewwa, l-*b* issir *be* jew *bi*, u jekk xoftejna nitfgħuhom ftit jew wisq ilbarra, l-*b* issir *bo* jew *bu*. Nieħdu ħoss ieħor. Ressaq truf xofftejk ma' xulxin u bexxaqhom fin-nofs u nbagħad iftaħhom; il-ħoss li joħroġ hu *w* jew *wa*. Iġbed xoftejk ilġewwa jew itfagħhom ilbarra, u mal-*w* jingħaqad il-ħoss tal-vokali *i*, *e*, *o*, *u*. Mela l-*w* u l-*u* ma joħorġux mill-fomm bħal xulxin; il-*w* toħroġ bħall-konsonanti u tista' tingħaqad mal-vokali kollha; l-*u* toħroġ bħall-vokali u tista' tingħaqad mal-konsonanti kollha.

Jekk il-*w* u l-*u* jingħażlu fil-ħoss, għandhom jingħażlu fil-kitba wkoll. Dan hu wieħed mis-sisien tal-kitba tagħna, jiġifieri kull ħoss għandu jkollu s-sinjal tiegħu, u kull sinjal għandu ħoss wieħed. Nafu li xi drabi l-*w* tinbidel f'*u*, bħalma l-*j* tinbidel f'*i*, iżda din il-bidla jagħmilha tiswir il-kelma u mhux rajj il-kittieb; hekk minn *wiżen* nagħmlu *użint* u mhux *wżint*, iżda minn *użint* ma nistgħux niktbu *uiżen*. Il-ħtieġa tal-għażla bejn *w* u *u* għarfuha kittieba oħra qabilna, li flok *w* jiktbu *ŭ*. Iżda għalfejn dak in-nofs qamar fuq ras l-*u* meta nistgħu ninqdew aħjar b'ittra waħda, magħżula mill-vokali u li għalhekk ma tistâx tinbidel u titħawwad magħhom.

Igħidulna l-għorrief li ħażina dik it-triq li twassal fit-tiġrif. U fejn naslu jekk niktbu dejjem *u* flok *w*? Naslu biex niktbu taħwid bħal dan: *inseuuu* flok *insewwu*, *qarużu*, *ħaxuxu*, *ueruru*, flok *qarwżu*, *ħaxwxu*, *werwru*

Fl-aħħar inżidu wkoll li l-*w* fil-kitba tal-Malti hi qadima daqs kemm hi qadima l-kitba tal-Malti. L-ewwel wieħed li daħħalha, li nafu bih s'issa, kien il-Bonamico, tabib Malti (1639-1680). Insibuha wkoll fil-Gażetta tal-Gvern tas-sena 1814 u f'kotba oħra maħruġin mill-istamperija tal-Gvern (Ara IL-MALTI, 1927, faċċ. 75.76).

Għal dan kollu jidhrilna li l-*w* għandha tibqa'. X'igħidu dawk li jridu jneħħuha?

# GĦAWDEX

*(Snapshot)*

Sema tan-nir, lewn is-satin kaħlani,
Xmajjar ta' ħdura, bl-ilmijiet xebgħana,
Għoljiet imewwġu fuq ħolqien daħkani,
Irħula żgħar taħt dawl ix-xemx ferħana.

Jidwi fl-egħlieqi, qalb il-qamħ safrani,
Qawwi fl-imħabba, tar-raħħala l-għana;
Ifiġġ fil-bogħod tarf xi kampnar fuqani
Bejn l-aħdar tal-larinġ u tal-banana.

Ġo l-ajru fwieħa bħal butir qawwija,
Li timla s-sider b'ta' mitt ward r-riħa,
Tgħaxxi lill-qalb ġo baħar ta' tgawdija.

U fuq dil-firxa ta' ħlewwiet għawdxija,
Liebsa kull lewn u b'elf djamant sabiħa,
Tidħak kemm kemm, sultana l-Poeżija.

ĠORĠ PISANI

29/11/33.

# L-EWWEL KROĊJATA

Il-kroċjati kienu gwerer li fihom kienu jieħdu sehem in-nazzjonijiet insara tan-naħa ta' l-Oċċident, sabiex jifdu t-Terra Santa minn taħt idejn it-Torok. Dawna kienu jobogħdu għal-l-mewt lill-Insara, u kienu jkasbru u jaħqru b'kefrija kbira lil dawk kollha li kienu jmorru jżuru dik il-Belt qaddisa. Wisq nies min-naħiet kollha ta' l-Ewropa kellhom il-ħrara imorru sabiex jaraw l-Imqaddes Qabar ta' Gerusalemm (il-lok fejn kien midfun Sidna Ġesù Kristu). Il-Kroċjati ġew imsejħa b'dana l-isem għaliex kienu jiggwerraw għas-Salib, u għaliex ukoll kienu jgibu maħżuż is-Salib fuk l-armi u l-bnadar tagħhom

Fis-sena 1073, l-Imperatur ta' l-Lvant, Manwel VII, ressaq talba lill-Papa Girgor VII u lill-ieħor ta' wara Vittor III, li kien Urban II, sabiex isewwi dina l-ħsara, u dana, imqanqal mill-kliem li kien sama minn fomm Pietru l-Eremita, li kien Patri Franċis, fejn kien qallu, li meta mar biex iżur il-Qabar Imqaddes, m'hux biss li kien imsawwat hu stess, imma stqarr ukoll illi kien xhud tal-kbira ħruxija li biha l-Mawmettani kienu jżebilħu, u jsawtu u jaħqru lill-Insara; għalhekk Papa Urban, wara laqgħa (1) li għamel fi Pjaċenza u Clermont, minn dawna, b'fehma waħda ġew fil-ftehim li għandhom iqanqlu gwerra kontra l-Misilmin (1095.)

L-Insara, b'ferħa li ma bħalha, laqgħu malajr il-bxara, u mingħajr ma qagħdu jistennew min jarmahom u jmexxihom, qtajja qtajja ta' kruċjati, armati minnhom infushom minn rashom sa riġlejhom, flimkien ma' għadd kbir ta' nisa telqu lejn it-Terra Santa. Huma u għaddejja mill-Ungerija, sabu ruħhom milqugħa u mħarbta u bosta minnhom waqgħu mejta taħt it-taqbida ma l-Ungerisi u Bulgari; dawk li ħelsu baqgħu sejrin lejn Kostantinopli, u minn hemm daħlu fl-Asja; iżda ukoll f'qasir żmien, b'ħeffa kbira, kienu mirbuħa mit-Torok in-naħa ta' Niċëa.

Wara din il-ħsara l-kbira li sofrew, bla ma seħħ il-ħsieb li kellhom, waslu n-nies magħżula u armati li kienu jgħaqqdu l-ewwel Kruċjata ; dawna mxew f'ħames qtajja kif kienu mif-tehma lejn Kostantinopli. L-ewwel kruċjta telqet fis-sena 1096 u l-aħħar waħda ma waslitx fil-lok li għalih kienet imsejħa qabel is-sajf tal-1097.

---

(1) Conċilju

Il-ħakma ta' l-armata kienet f'idejn Goffredu ta' Buljon Duka tal-Bassa Lorena, kruċjat mill-ewlenin fl-1095; ħuh Baldovinu, illi wara li ntrebħet minnhom Antjokija, laħaq sinjur tal-Kontea ta' Edessa, ħuh iż-żgħir Eustazio u Boemondo bin Guiscardo, li kellu miegħu l-kbir Tancredi. Ħakem fuq il-Kruċjati kollha kien Goffredu ta' Buljon.

Niċëa, reġgħet ġiet malajr mirbuħa f'idejhom (Ġunju 1097) u l-Ħakem Tork Kilj Arslan rebħuh f'Doriles; wara f'tit il-Kruċjati daħlu ġewwa s-Sirja, u dawru ġewwa nofshom il-qawwija Antjokja, illi sofriet assedju għal wisk xhur, illi f'dan iż-żmien kollu, il-ġuħ u l-mard qatlu għadd mhux żgħir ta' Kruċjati. F'Ġunju tas-sena 1098, Antjokja kienet mirbuħa mil-Kruċjati, u n-nies tagħha kienu kollha mbiċċra. Għalhekk, it-trieq għal Gerusalemm giet mifṫuħa, iżda is-600,000; Kruċjat li bihom kienet magħquda l-armata sfew tant li bil kemm laħqu s-60,00; huma għalhekk ma naqqsux il-ħila u wara l-assedjaw Ġerusalemm, bil-għajnuna tas-sema, fis-sena 1099 rebħuha minn idejn it-Torok. F'dak l-istess lejl li Ġerusalemm intrebħet, Pietru l-Eremita, qaddes fil-Knisja tal-Qabar Imqaddes.

V. M. Pellegrini

# LIL-LSIEN MALTI

Ja Malti safi u bnin, li l-aqwa ħlewwa
Ġo qalbi u moħħi tnissel, kemm irrid,
Li kont naf ingħannik sabiex lejk ġewwa
Il-qlub tal-Maltin kollha imħabba inżid !

Għal kollox issa rbaħthom int l-egħdewwa,
Illi nofshom ma' wliedek huma id f'id,
Għax min jaqbeż għalik jafu l-hawn sewwa,
U min jixtieq jagħmillek l-akbar ġid.

W issa m'hemmx għalfejn lilek infaħħar:
Kulħadd ra l-ħila tiegħek u s-sbuħija;
Sa l-ilsna l-oħra għaddejt fil-ħsieb minn tagħna.

Post li lilek jistħoqq ilħaqt sa fl-aħħar,
Maħbub minn kbar u żgħar; u l-isbaħ dija
Titfa' dejjem fuq min jingħaqad magħna.

22/1/34. Ġann Raimondo

# RĠULIJA TA' ĠAKBU

Min ma kienx jafu lil Ġakbu! Wara x-xogħol kien igħaddi kull jum xi sagħtejn jew tlieta għand tal-ħanut tal-kafè qrib id-dar tiegħu. Minn dejjem kien ħluqi; imma mindu kienet bdiet il-gwerra tal-Krimëa l-ebda leħen fost l-għajjat ta' dik il-qatta' rġiel ma kien jinstema' aktar minn tiegħu. Jekk kienu jixorbu xi pinta flimkien, Ġakbu, ma kienx jaf jixrob għas-saħħa ta' sħabu jekk ma jgħajjatx; jekk kienu jgħidu xi ġrajja ta' dak in-nhar, Ġakbu, meta ma kienx itarraf hu, ma kienx jaf ma jsemmâx leħnu, jew biex jidħak, jew biex igiddeb; jew jekk kienu jilagħbu, erħilu jmieri meta ma jkunx jirbaħ hu. U x'ma jsemmax leħnu! Dik il-ħabta tal-gwerra kien jagħmilha tajjeb: kellu bagħal u karettun, u kien jaħdem ma' wieħed furnar, iġorru l-ħobż jew għal Sant' Jermu għand is-suldati, jew għal bnadi oħra. U kien ilaqqatha tajjeb: għalhekk dejjem ferħan u jitħielaq.

Ma kienx hemm maħluq f'dawk l-inħawi li ma kienx jafu. U, biex ingħidu s-sewwa, hemmhekk ma kienx jista' ma jkunx magħruf, għax in-nies kollha taf lil xulxin. Kien joqgħod f'waħda mir-rkejjen tal-belt fejn in-nies issibhom bla għadd bħal nemmelija. Kullħadd qisu familja waħda. Ġo dawk il-kmamar mudlamin taħt saqaf baxx ftit li xejn kienu joqogħdu. Biex isajjru joħorġu l-kenur barra, biex jieklu jintasbu fuq l-għatba, u meta ma jkollhomx x'jagħmlu, in-nisa erħilhom ilabalbu u r-rġiel igħaddulek siegħa l-ħanut.

Mela Ġakbu kien jafu u jħobbu kullħadd. U dak in-nhar, kollu daħk, kien qiegħed itarfilhom x'waħda kien għamel lis-suldati filgħodu. Ma kenitx l-ewwel darba li semgħu lil Ġakbu jħarref xi waħda fuq is-suldati u baħrin ingliżi u billi kellu ħabta l-biċċa jżejjina, kullħadd kien jogħxa jisimgħu.

*
* *

« -- Mela dalgħodu għabbejt bħas-soltu għand il-furnar ta' ma' ġenbna . . , —

— Il-Ħemsi ?— staqsa żagħżugħ ta' xi għoxrin sena li kien lavrant ma' tal-ħanut, u malli sema' lil Ġakbu sa jibda jitħaddet, telaq il-kikkri li kien jaħsel, mesaħ idejh f'biċċa kollha mdennsa u miblula bix-xogħol tal-ġurnata kollha u ġie jisma'.

— Iva, l-Ħemsi . . . Isma' jekk toqogħdu twaqfuni naqbad u ma ngħid xejn, tafux ! —wieġeb Ġakbu, u reġa' qabad igħid :—Mela, għabbejt u tlaqt ċaqlem ċaqlem lejn Sant'Jermu. Ġbidt għal taħt San Duminku biex inbgħad nilwi għal Strada Rjali l-isfel u niġi fuq li-xprun ; hemm nilwi nibqa dieħel Sant'Jermu mill-bieb ta' fuq is-sur. Imma sewwa jgħidu li x-xemx minn filgħodu tidher, għax donnha mill-ewwel bdiet ġejja bil-għawġ ! Malli wasalt taħt San Duminku narahom qegħdin idaħħlu bettija mbid f'ħanut, din tiżolqilhom u għal daqsxejn ma ġietx fuq il-karettun tiegħi. Il-bagħal nafar u għal ftit ma ħarablix. Jien għedtlu xi ħaġa lil tal-ħanut, u ma ġejniex fl-idejn għax ma ridtx nibda l-ġurnata ħażin; u jien, jaħasra, allavolja l-patri ta' San Duminku wissieni biex ma nemminx dawn il-ħmerijiet, meta nibda l-ġurnata bil-għawġ dejjem għandu jiġrili xi ħaġa dak in-nhar.

Għalhekk, ma ġibthiex bi kbira, qbadt il-bhima u bqajt sejjer; u issa inġebbed il-bagħal meta l-karettun kien jeħilli f'xi ħofra, issa natih xi daqqa ta' frosta meta jaħbat sa jgħawweġ fil-mixi, fl-aħħar wasalt bis-sliema.

Tal-għassa kien drani, u b'"Ej Jack" ħallieni ngħaddi l-quddiem—"Jack" kienu jgħiduli dawk l-ingliżi, forsi għax l-ewwel biċċa ta' ismi tinstema' hekk.

Bqajt għaddej u fil-quċċata tar-rampa waqqaft il-karettun biex inħott il-qfief tal-ħobż u n-niżżilhom isfel għax il-karettun ma jinżilx dik in-niżla hekk wieqfa; fit-tarf tagħha kont inferra' l-qfief, u mbagħad, intellagħhom battala,

Il-lum kelli disat ikfief, u, billi kienu twal u tqal, niżżilthom waħda waħda, u, bil-għajnuna tas-suldati ferrajthom bħas-soltu. Mbagħad billi dawk il-qfief huma tqal imqar battala, is-suldati, bħal drabi oħra għenuni nerfagħhom fuq spalti u, hekk, intellagħhom waħda waħda sa fejn il-karettun. Imma dalgħodu x-xitan ried idaħħal denbu. Tafu dawn l-ingliżi x'kull waħda jagħmlu; riedu jidħku daħka, imma jien għamilthielhom b'irġulija. Mhux li jeħduni fuq demm id-dars, anzi, mil-lum, iktar jibdew iduru miegħi.

Mela, x'għamlu! Fil-waqt li tiela' bit-tieni qoffa fuq spallejja, ftehmu bejniethom u wieħed minnhom, daqsxejn ta' żagħżugħ ta' xi tmienja u għoxrin sena, il-ġmiel tiegħu— mhux għax meta kont bħalu jien ma kienx fini ġolf daqsu—imma ħallini minn dan; mela dax-xitan ta' suldat megħjun minn sħabu li kienu jidħku minn taħt daħal f'waħda mill-qfief li kien għad baqa isfel biex jien inħossha itqal it-telgħa kollha, u, jekk hawn xi ħadd minkom li ra din it-telgħa jaf x'iġifieri titlagħha mgħobbi b'qoffa hekk kbira u b'ġolf bħal dak ġo fiha.

Jien, meta tellajt dik li kelli fuq spalti, inżilt għal oħra; u sajjem sajjem, għax s'issa ma kont naf b'xejn, inżilt fuq riġli l-wieħed, ħaddant il-qoffa li huma newluli, battejtha għal fuq spalti, u b'rasi mmejla n-naħa l-oħra qomt biex nibda tiela'.

Jiena mill-ewwel rajthom donnhom ma jistgħux iżommu bid-daħk, fl-istess ħin ma jridux juru li qegħdin jidħku, imma billi ma ninqalâx wisq bl-ingliż ma kellimthom xejn u bqajt tiela' nitbissem ġo fija għad-daħk li smajthom ifaqqgħu warajja.

Ma l-iskossi li bdejt nieħu jien u tiela', ħassejt li dak li kien ġewwa, kienet xi ħaġa ħajja. Minnufih ġieni wkoll quddiem għajnejja li wieħed mis-suldati meta nżilt għal din il-qoffa ma kienx hemm u, f'kelma waħda għaraft il-borma kollha, imma ma tkellimt xejn u bqat tiela'.

Malli wasalt fuq il-quċċata battejt il-qoffa għal l-art mhux ħdejn l-oħrajn imma iktar l-isfel fejn kienet tibda n-niżla, u x'waħda din, b'dak it-toqol li kellha ġo fiha baqgħet nieżla titgerbeb l-isfel qisha sajjetta, u f'kemm trodd salib kienet isfel.

Kieku dawk is-suldali kienu maltin, forsi kien jispiċċalhom id-daħk kollu; imma kienu ngliżi, u meta raw il-qoffa nieżla titgerbeb, iktar bdew igħajjtu u jidħku; mhux bija, imma b'dak il-miskin li ried jagħmilha tal-ħelu.

Ix-xorti riedet li l-qoffa meta kienet għoddha waslet isfel ħabtet ma' xi żrar, ilwiet fil-ġiri tagħha, u flok baqgħet sejra tistabat b'dik is-saħħa kollha mal-ħajt, baqgħet dieħla fil-bitħa, u hemm waqfet. Dik il qoffa minn ġewwa kienet kollha ponot tal-qasab, u ma ngħidilkomx kif ħareġ, jew aħjar, kif ħarġuh lil dak is-suldat minn hemm ġew.

Ed.

# LIL DUN KARM

Ħlomt li mitt, Dun Karm, Poëta;
    Ma naħsebx li hekk tassew:
Bosta nies f'ħajjithom mietu,
    U fil-mewt bil-ħajja ntlew.
Ħlomt li mitt, Dun Karm, Poëta;
    U quddiemi vrusek ġew!

Mhux iż-żmien li jqis il-ħajja;
    Mhux iż-żmien li jrodd l-għajxien;
Mhux kull tûl itawwal l-għomor;
    Mhux kull għoli, tlugħ qalbien
Aktar m'huma l-fuq il-qċaċet,
    Aktar l'isfel il-widien.

X'tieħu qatt minn ħsieb li ħareġ
Minn ftit trab biex jerġa' għalih?
X'tieħu qatt minn ġrajja msejkna,
Jekk għamil ta' rmied tinsieh?
Jekk mill-ħsieb l-egħmejjel tnisslu,
Dak l'hu fihom, dawn ġe' fih.

Daqskemm jgħid it-tifsir tiegħu,
Daqskemm f'ħaqqu jgħid il-ħsieb:
Daqskemm huma l-ftuħ u l-medda,
Daqshekk wiesa' w għoli l-bieb:
Xejn mill-beraħ l'hinn ma jwassal,
Jekk fil-beraħ dan jinġieb.

Mit-trab saru w fih inżergħu
Arkimêde w Ċiċerûn;
It-trab għażlu, w frotthom sajjar,
Aristôtle ü Platûn;
Qâl Omeru, stqarr Virġilju,
Wettaq Dante t-trab xi jkun!

Min ried jifhem sa fejn jasal
Deh'n il-bniedem fl-art maħtur,
Min ried jgħid fil-ħaqq u s-sewwa
X'qawwa tirfdu 'l-isħeħ sur,
Dejjem qabel fela w għaraf
Kemm fix-xejn hu jkun mistur.

W int ukoll Dun Karm ta' vrûsek
Fl-għoli msaffel ridt issir,
Biex tgħix f'ħajjtek u tgħix f'mewtek
Tajt l-għamil għal dat-tifsir
Kobor nieqes mit-tmiem tiegħu
Ma jaf qatt xi jfisser "kbir"!

18–XII–33. K. Vassallo

# SALM TAL-ĦAJJA

(LONGFELLOW)

*(Miġjub bil-Malti mill-Prof. Sir Gustu Bartolo)*

Tgħidulix li d-dinja hija ħolma,
Mhiex ħlief frugħa, u niket, u hemm;
Dak li jidher fil-wiċċ hu qarrieqi,
U jekk torqod ir-ruħ tagħna tintemm.

Ħajja hi ħajja, kif Alla ħalaqha,
U l-qabar mhux tagħha; lè, t-tmiem;
"Int biss trab, u fit-trab għad trid tisfa"
Mhux għar-ruħ, lè, ntqal dan il-kliem.

Mhux għall-għaxqa, mhux anqas għan-niket,
F'din id-dinja tawhomlna dal-jiem:
Ma li nqisu b'imġiebna li għada
Mil-lum aktar issibna l-quddiem.

Iebsa s-sengħa u ż-żmien q'ed ilebbet
Mhux biżżejjed il-ħila u s-sabar
Kull taħbita ta' qalbna tgħoddilna
Kemm il-pass q'ed noqorbu għall-qabar.

F'din id-dinja ta' glied mingħajr ħniena,
F'din il-ħajja ta' qbid bla mistrieħ,
Ftakar l'int bniedem, mhux bhima ġo merħla,
Kun qalbieni--kun raġel--żomm sħiħ!

Miet l-imgħoddi, nidfnuh ma' min difen,
La tqisx anqas iż-żmien li għadu ġej;
Issa ħinek, dan hu waqt ir-rebħa:
Ħiltek f'qalbek, u tamtek f'Mulej.

Il-għamil tal-kbarat ta' qabilna
Huwa mera ħa nżejnu ħajjitna,
Sabiex meta minn magħha ninfirdu
Għal urajna inħallu xbihietna.

Xbihat li, min jaf, għad żmien jiġi,
Lil uliedna jkunu ta' ġid,
Lil xi msejken li hekk chif jilmagħhom
Iħoss qalbu titwettaq mill-ġdid.

Qawwi qalbek, għalhekk, u għin ruħek
Għalli ġej, għal li bih qatt ma bsart:
Ħabrek u irbaħ u irbaħ u ħabrek
Hidma u sabar — din ħajtek f'wiċċ l-art!

# Werrej tas-sena 1933-1934.

---


| | | |
|---|---|---|
| A. I. | F'kuleġġ | faċċ 4 |
| „ | Holm | „ 157 |
| A. P. | Lilek | „ 8 |
| AGIUS M. | Salvu u Ġwanna jinħabbu | „ 125 |
| AQUILINA G. | Il-poeżija ta' Ninu Cremona | „ 13; 23; 43; 76; 91 |
| „ | Kliem imxerred | 63; 146 |
| „ | Tifkira tal-Assedju l-kbir | „ 110 |
| „ | L-Ingliż l-ikħal | „ 150 |
| B. | Il-Palma w il-Fawwara | „ 142 |
| B. | Ir-riħ u l-bnazzi | „ 160 |
| BARTOLO SIR A. | Salm tal-Ħajja | „ 170 |
| BUTTIGIEG A. | Ħudli, ja Mulej | „ 6 |
| „ | Ħmura u Deheb | „ 96 |
| C. M. B. | Għajna | „ 89 |
| CARABOTT N. | Għal pajjiżu | „ 128 |
| CASSAR G. | Il-kelma Maltija | „ 47 |
| CAUCHI G. | Xeni minn ta' Għawdex | „ 154 |
| CHETCUTI G. | Zgħażagħ ferħana | „ 61 |
| „ | L-Għanja ta' qalbi | „ 132 |
| COLEIRO ED. | Għal flus tagħmel kollox | „ 9 |
| „ | Dehen ta' ġemel | „ 100 |
| CUSCHIERI PROF. A. O.C. | Il-kelma Maltija | „ 7 |
| „ | Qtigħ il-qalb | „ 55 |
| DEBONO KARM | Mewt | „ 145 |
| DELIA G. S.J. | Qatra ta' nida | „ 105 |
| DIACONO G. | Għanja | „ 22 |
| „ | Il-girien tiegħi | „ 68 |
| EMMELLES (M.L.S.) | Għajnejn l-insetti | „ 35 |
| ED. | Rġulija ta' Ġakbu | „ 165 |
| FARRUGIA A. | Glieda f'raħal | „ 143 |
| G. V. | Ix-xellugi u l-ħarbux | „ 94 |
| GALEA A.M. | Għall-Maltin fuk kollox | „ 17 |
| K. F. | Kif taf li hemm Alla | „ 57 |
| L. C. | Tliet Zebbuġin mixħura | „ 39 |

| | | |
|---|---|---|
| Mamo N. | L-eqdem ġabra ta' liġijiet | No. 139 |
| Muscat Azzopardi Gius | Lil Sidtna Marija tal-Karmnu | „ 67 |
| Pace G. | Kelma ġġib il-oħra | „ 85 |
| Pellegrini V. | L-ewwel Kruċjata | „ 163 |
| „ | Xewqa bla tama | „ 48 |
| Pisani G. | Lil-Palma xiħa | „ 38 |
| „ | Taħt l-arloġġ il-qadim tal-Kastell ta' Għawdex | „ 83 |
| „ | Lil Tilfla | „ 133 |
| „ | Lil Mikiel Anton Vassalli | „ 156 |
| „ | Għawdex | „ 162 |
| Psaila Dun K. | Kewkbit is-safar | „ 20 |
| „ | Frak | „ 59 |
| „ | Lil Mikiel Anton Vassalli | „ 99 |
| „ | Innu Malti | „ 117 |
| „ | Wied Qirda | „ 120 |
| „ | Lil Musa | „ 138 |
| Raimondo G. | Lil-Isien Malti | „ 164 |
| S. | Tieġ f'raħal | „ 51 |
| S. | Ix-xalata tal-imseħbin tal-Għaqda | „ 102 |
| Saydon P. P. | Is-sena tal-mewt ta' Kristu | „ 2 |
| „ | L-istorja tas-Salib | „ 21 |
| „ | Is-sehwien | „ 60 |
| „ | Tiswir ta' kliem ġdid | „ 71<br>88; 107 |
| „ | L-Għaqda u l-eżamijiet | „ 81 |
| Silvju | Ittra lil Dun Karm Psaila | „ 12 |
| Stanghellini-Valenzia | Qlub mifruda | „ 27 |
| Vassallo Art. | Il-bieraħ... il-lum | „ 118 |
| Vassallo K. | Lil Dun Karm | „ 168 |
| Vella K. | Innu tal-Għaqda | „ 11 |
| „ | Inħobbok, vjola | „ 26 |
| „ | Faraġ | „ 62 |
| „ | Għasafar | „ 87 |
| „ | L-imsiefer . . . igħanni | „ 153 |

**ABBONAMENT**

**6d. kull sitt xhur**
**1s. kull sena**
**Kopja wahda sold**
**Ghal barra minn Malta id-doppju.**

L-Imseħbin li sa l-aħħar ta' Frar ma jkunux ħallsu ta' l-imgħoddi, nħassru isimhom.

F'DAN IX-XAHAR JOHROĠ:

# Il-Kotba ta' Samwel

*imfisser bil-Malti minn* DUN P. P. SAYDON.

Dan hu t-tmien wieħed fost il-KOTBA MQADDSA maqlubin bil-Malti mill-Prof. Dun P. P. Saydon.